DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1555

tal-25 ta' Lulju 2023

li tagħti aċċess għall-Bażi tad-*Data* Ewropea tal-Ekwipaġġ u għall-Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Buq lill-awtoritajiet tal-Iżvizzera

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 91/672/KEE u 96/50/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(4) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw b'mod affidabbli u mingħajr dewmien iċ-ċertifikati ta' kwalifika, il-kotba tar-rekords tas-servizzi u l-ġurnali ta' abbord fil-bażijiet tad-*data* tal-Kummissjoni għall-fini ta' implimentazzjoni, infurzar u evalwazzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/2397 u għaż-żamma tas-sikurezza, għall-faċilità tan-navigazzjoni, kif ukoll għal finijiet ta' statistika, u sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet li jimplimentaw dik id-Direttiva. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni stabbiliet il-Bażi tad-*Data* Ewropea tal-Ekwipaġġ ("ECDB") għaċ-ċertifikati tal-kwalifiki u għall-kotba tar-rekords tas-servizzi u l-Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Buq ("EHDB") għall-ġurnali ta' abbord billi adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/473 ([2]).

(2) L-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 u l-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/473 jipprevedu wkoll l-inklużjoni tal-informazzjoni dwar iċ-ċertifikati ta' kwalifika, il-kotba tar-rekords tas-servizz u l-ġurnali ta' abbord rikonoxxuti skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 fil-bażijiet tad-*data* tal-Kummissjoni. L-Artikolu 10(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 jirreferi għal ċertifikati ta' kwalifika, kotba tar-rekords tas-servizzi jew ġurnali ta' abbord li nħarġu f'konformità mar-Regolamenti dwar il-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu ([3]), li huma validi fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni jekk ir-rekwiżiti ta' dawk ir-Regolamenti jkunu identiċi għal dawk tad-Direttiva (UE) 2017/2397 u jekk il-pajjiż terz emittenti jirrikonoxxi, fil-ġurisdizzjoni tiegħu, dokumenti tal-Unjoni skont id-Direttiva (UE) 2017/2397.

(3) L-Iżvizzera toħroġ ċertifikati ta' kwalifika, kotba tar-rekords tas-servizz jew ġurnali ta' abbord abbażi tar-Regolamenti dwar il-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu skont rekwiżiti identiċi għal dawk tad-Direttiva (UE) 2017/2397 u taċċetta dokumenti korrispondenti tal-Unjoni fil-ġurisdizzjoni tagħha, sabiex iċ-ċertifikati ta' kwalifika Żvizzeri jkunu validi fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

(4) Skont l-Artikolu 2.01 tar-Regolamenti dwar il-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, li ġie adottat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1912 ([4]), l-Iżvizzera hija obbligata wkoll li tinkludi kull ċertifikat ta' kwalifika, ktieb tar-rekords tas-servizz u ġurnal ta' abbord maħruġ minn awtorità kompetenti, u d-*data* li tinsab fih, fir-reġistru nazzjonali li għandu jinżamm kif jesiġi l-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2017/2397 u li torbot ir-reġistri nazzjonali tagħha mar-reġistru miżmum mill-Kummissjoni f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Delegat (UE) 2020/473.

([1]) ĠU L 345, 27.12.2017, p. 53.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/473 tal-20 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards dwar il-bażijiet tad-*data* għaċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni, il-kotba tar-rekords tas-servizz u l-ġurnali ta' abbord (ĠU L 100, 1.4.2020, p. 1).

([3]) L-Anness 2022-II-9 sa CC/R 2022 II, V.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1912 tad-29 ta' Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tar-Regolamenti riveduti għall-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (ĠU L 261, 7.10.2022, p. 48).

(5) Fl-20 ta' Ottubru 2021, l-Iżvizzera ssottomettiet talba lill-Kummissjoni biex tirċievi aċċess għall-bażijiet tad-*data* tal-Kummissjoni.

(6) F'konformità mal-Artikolu 25(4) tad-Direttiva (UE) 2017/2397, l-awtoritajiet f'pajjiżi terzi li joħorġu ċertifikati ta' kwalifika, kotba tar-rekords tas-servizz jew ġurnali ta' abbord abbażi tar-Regolamenti dwar il-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, jistgħu jingħataw aċċess għall-bażi tad-*data*, sa fejn dan ikun meħtieġ għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 dment li r-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) jiġu ssodisfati, il-pajjiż terz ma jillimitax l-aċċess lill-Istati Membri jew lill-Kummissjoni għall-bażi tad-*data* korrispondenti tiegħu u l-Kummissjoni trid tiżgura li l-pajjiż terz ma jibgħatx id-*data* lil xi pajjiż terz ieħor jew lil organizzazzjoni internazzjonali oħra mingħajr ma l-Kummissjoni tawtorizza bil-miktub u skont il-kundizzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni.

(7) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-Iżvizzera tipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni tad-*data* ([6]). Barra minn hekk, l-Iżvizzera bagħtet ittra uffiċjali biex tiżgura li se tagħti aċċess għall-bażijiet tad-*data* korrispondenti tagħha u li mhi se tittrasferixxi l-ebda *data* lil pajjiż terz ieħor jew lil organizzazzjoni internazzjonali oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni espressa bil-miktub tal-Kummissjoni u skont il-kundizzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni.

(8) Fl-aħħar nett, l-aċċess għall-bażijiet tad-*data* tal-Kummissjoni huwa meħtieġ li jkun neċessarju għall-finijiet iddikjarati fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 għall-implimentazzjoni, l-infurzar u l-evalwazzjoni tad-Direttiva, għaż-żamma tas-sikurezza, għall-iffaċilitar tan-navigazzjoni, kif ukoll għal finijiet ta' statistika, u sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti.

(9) Meta jitqies li l-membri tal-ekwipaġġ bi kwalifiki Żvizzeri joperaw ta' sikwit fil-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni u li ċ-ċertifikati ta' kwalifika, il-kotba tar-rekords tas-servizz jew il-ġurnali ta' abbord li jinħarġu mill-Iżvizzera jridu jissodisfaw rekwiżiti identiċi għal dawk meħtieġa mid-Direttiva (UE) 2017/2397, huwa meħtieġ li l-Istati Membri u l-Iżvizzera jiskambjaw informazzjoni rilevanti għall-implimentazzjoni, l-infurzar u l-evalwazzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/2397 filwaqt li tiġi żgurata navigazzjoni mingħajr interruzzjoni b'mod sikur u leġittimu fil-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-għoti ta' aċċess lill-Iżvizzera għall-ECDB u għall-EHDB se jippermetti li l-Kummissjoni żżomm reġistru komplut tad-*data* rilevanti dwar l-ekwipaġġ u se jgħin għal skopijiet statistiċi. Għalhekk, hemm bżonn li għall-finijiet iddikjarati fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 jingħata aċċess lill-awtoritajiet kompetenti tal-Iżvizzera għall-ECDB u għall-EHDB.

(10) Wara li vvalutat it-talba tal-Iżvizzera, il-Kummissjoni jidhrilha li jkun xieraq li tagħti aċċess lill-awtoritajiet tal-Iżvizzera għall-ECDB u għall-EHDB,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għandu jingħata aċċess għall-Bażi tad-*Data* Ewropea tal-Ekwipaġġ u l-Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Buq lill-awtoritajiet tal-Iżvizzera.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

([6]) Ara https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32000D0518&from=EN.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN